MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2015

Appell Kriminali Numru. 527/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Daniel Briffa**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Daniel Briffa, karta ta' l-identita` numru 62887(M), talli nhar-il 15 ta' Frar 2009 għall-ħabta tas-2.00 a.m. f'Birkirkara:

(1) dolożament, bi ħsieb li jagħmel delitt, u cioe` li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Nezar El Gadi f'periklu ċar, wera tali ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' tali delitt billi ta daqqa ta' strument li jaqta', liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu;

(2) ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Nezar El Gadi, detentur tal-karta ta' l-identita` 25405(A), skond kif iċċertifika Dr. J. Zammit M.D. ta' l-Isptar Mater Dei;

(3) fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara fuq vettura tal-għamla Daihatsu b'numru ta' reġistrazzjoni MAG-645 għad-dannu ta' Margaret Mifsud minn Birkirkara u fil-vettura ta' l-għamla Peugeot b'numru ta' reġistrazzjoni GGB-005 għad-dannu ta' Michael Grech minn San Gwann, liema ħsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) imma iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47);

(4) kellu fil-pussess tiegħu arma (mus) mingħajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;

(5) volontarjament kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' l-24 ta' Ottubru 2012 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(b)(2), 227(d), 230(d), 233(1)(a) 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Daniel Brifa ħati tar-reat ta' offiża gravi fuq il-persuna ta' Nezar El Gadi, liema reat madanakollu huwa skużabbli ai termini ta' l-artikolu 227(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tar-reat

ta’ ħsara involontarja fuq il-proprjeta` ta’ Dr. Margaret Mifsud u ta’ Michael Grech u kkundannatu għal perijodu ta’ xahrejn priġunerija, li b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta dan il-perijodu ta’ priġunerija ġie sospiż għal żmien sena mid-data tas-sentenza appellata. Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, ikkundannatu jħallas l-ammont ta’ €1024.48 lir-Reġistratur tal-Qorti bħala spejjeż peritali;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Ġenerali ppreżentat fit-12 ta’ Novembru 2012 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn sabet lill-imsemmi Daniel Briffa ħati tar-reat ta’ offiża gravi fuq Nezar El Gadi liema reat huwa skużabbli skond l-artikolu 227(d) tal-Kap. 9, tħassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn infliġġiet il-piena, tikkonfermaha fil-bqija u minflok issibu ħati ta’ offiża gravi u tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-imsemmi Daniel Briffa esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** L-aggravju prinċipali ta’ l-Avukat Ġenerali hu li l-ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha kienet irraġjonevoli u legalment żbaljata meta sabet lill-appellat Daniel Briffa ħati li kkaġuna offiża gravi fuq il-persuna ta’ Nezar El Gadi b’dan li r-reat huwa skużabbli taħt l-artikolu 227(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta li jipprovdi dwar eċċess ta’ leġittima difiża. Skond l-Avukat Ġenerali, mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni rriżulta mingħajr dubju dettat mir-raġuni li kien proprju l-appellat li ta xi daqqiet lil El Gadi b’oġġett li jaqta’ u bil-ponta u li minħabba f’hekk El Gadi ġarrab offiża ta’ natura gravi f’wiċċu, tant li ħalliet ċikatriċi. L-Avukat Ġenerali jkompli jgħid:

> “Illi l-qofol f’dan il-proċess huwa proprju dwar jekk xi waħda mil-linji difensjonali li qajjem l-appellat tapplikax o meno fil-każ odjern. Mis-sentenza appellata a fol. 2 jidher li l-appellat ressaq tliet difiżi, u cioe` dik tal-leġittima difiża, tal-eċċess tal-leġittima difiża

jew tal-provokazzjoni. L-Ewwel Qorti fis-sentenza daħlet f'ċertu dettal dwar jekk il-fatti f'dan il-każ jinkwadrawx ruħhom fl-elementi li jridu jiġu ppruvati mill-appellat sabiex id-difiża tas-s*elf-defence* tkun invokata b'suċċess tant li anki ċitat ġurisprudenza nostrana dwar dan. Pero` li huwa ferm ikar sinjifikanti hu li l-Ewwel Qorti ddikjarat ċarament li l-aġir tal-appellat ma jistax jitqies li kien wieħed ta' *self-defence*....

"Pero` wara din il-konsiderazzjoni ċara u netta, l-istess Qorti fl-istess sentenza sorprendentement tgħid li jeżistu l-estremi tal-eċċess tal-leġittima difiża....

"Illi b'kull dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti dan kollu huwa legalment u manifestament żbaljat għaliex biex ikollok l-eċċess tal-leġittima difiża l-ewwel u qabel kollox irid ikollok każ ta' leġittima difiża fejn l-elementi **kollha** ta' din id-difiża huma sodisfatti skond il-liġi! F'dan il-każ il-Qorti ddikjarat iswed fuq l-abjad li l-elementi tal-leġittima difiża ma japplikawx għaliex il-minaċċja li allegatament sofra l-appellat la kienet gravi u wisq inqas kienet inevitabbli, u allura ġaladarba l-Qorti qiegħda tgħid li m'hemmx il-leġittima difiża ma tistax imbagħad l-istess Qorti fl-istess sentenza tiddikjara li hemm l-elementi ta' eċċess ta' leġittima difiża! Dan kollu huwa kontradittorju.

"Illi biex ikollok **l-eċċess tal-leġittima difiża** wieħed irid jara l-ewwel jekk iċ-ċirkostanzi tal-każ jinkwadrawx ruħhom f'każ ta' **leġittima difiża** u jekk iva mbagħad il-Qorti tara jekk ir-reazzjoni kinitx waħda **proporzjonata** jew le għal minaċċja. Pero` jekk wieħed jasal għall-konklużjoni, kif ġara f'dan il-każ, li m'hemmx leġittima difiża, ma jistax jikkonsidra sussidjarjament l-eċċess tal-leġittima difiża! Qed jingħad hekk għaliex fil-każ odjern huwa evidenti li qatt ma jista' jkun każ ta' leġittima difiża u allura lanqas każ ta' eċċess ta' leġittima difiża għaliex l-Ewwel Qorti ddikjarat li ma jirrikorrux l-elementi tal-leġittima difiża. Dan huwa żball manifest min-naħa tal-Qorti, iktar u iktar meta l-Ewwel Qorti aċċettat erronejament id-difiża tal-eċċess tal-leġittima difiża abbażi tal-fatt li l-allegat minaċċja subita mill-appellat kienet tikkonsisti li l-*imputat ġie rinfaċċjat b'persuna li avviċinatu* ***b'herra*** *tallega li huwa kien għamel xi ħsara fil-vettura tiegħu. L-imputat min-naħa tiegħu rinfaċċat b'dina l-****aggressjoni*** *pprova jaħrab u jagħmel dana billi jaqbad iċ-ċwievet li jkollu f'idejh u jxejjer daqqa fid-direzzjoni ta' l-aggressur tiegħu*. L-esponent isaqsi kif wieħed jista' jinvoka b'suċċess il-leġittima difiża jew eċċess ta' leġittima difiża meta l-istess Onorabbli Qorti tgħid fis-sentenza tagħha li l-unika 'minaċċja' li għamel El Gadi fil-konfront tal-appellat kienet li avviċinah **bil-herra**? Bid-dovut rispett huwa inkonċepibbli kif sempliċement għax persuna tieħdok bil-herra ikollna allura sitwazzjoni ta' minaċċja gravi, inġusta, attwali u inevitabbli li twassal biex persuna tiġi skużata mir-reat ta' offiża gravi għax kien hemm eċċess ta' leġittima difiża!

"Illi fil-każ odjern El Gadi ma kienx armat u fl-ebda ħin u fl-ebda mument ma ħareġ mill-provi li hu mminaċċja lill-appellat b'tali manjiera li b'xi mod wieħed jista' forsi

> jiġġustifika l-aġir ta’ Daniel Briffa. Minn dan il-proċess li rriżulta fiċ-ċert hu li l-appellat f’ħin minnhom ta daqqtejn lil El Gadi b’oġġett li jaqta’ u bil-ponta tant li El Gadi sofra minn laċerazzjoni kbira ta’ għaxar (10) ċentimetri f’wiċċu u xi ġrieħi oħra f’rasu. F’dan il-każ ġaladarba l-Ewwel Qorti ddikjarat li m’hemmx leġittima difiża allura l-Ewwel Qorti ma kellha qatt taċċetta l-eċċess tal-leġittima difiża.”

**7.** Din il-Qorti eżaminat il-provi kollha dedotti. Huwa minnu li l-ewwel Qorti kkonkludiet li ma jirrikorrux l-elementi għal-leġittima difiża iżda mbagħad iddeċidiet illi jirriżultaw l-elementi ta’ l-eċċess tal-leġittima difiża. Jekk m’hemmx leġittima difiża, wieħed ma jistax jitkellem dwar eċċess ta’ leġittima difiża. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, pero`, dan huwa każ fejn effettivament jeżistu l-elementi ta’ l-eċċess ta’ leġittima difiża.

**8.** L-appellat, li kien għadu kemm tajjar il-mirja ta’ żewġ karrozzi, ġie konfrontat minn Nezar El Gadi li kien bilqiegħda f’waħda mill-karrozzi. L-appellat kien bir-rota u El Gadi għalaqlu triqtu bil-karrozza. El Gadi niżel mill-karrozza u kkonfrontah minħabba l-ħsara fil-karrozza; jammetti li dak il-ħin kellu naqra demmu sħun. Skond l-appellat, El Gadi qabdu mill-flokk u ma ried jitilqu b’xejn. Kien f’dan il-mument li xejjer biċ-ċwievet li kellu f’idejh u laqat lil El Gadi. Jidher illi El Gadi baqa’ jżomm lill-appellat u ġibdu lejn id-dar tal-familja Mifsud. Il-Professur Sir Anthony Mamo jgħid[1] illi *“in deciding whether there was actual necessity of self-defence, the test should be ‘subjective’. The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as <u>he</u> saw it at the time.”* L-inċident kien qiegħed iseħħ bil-lejl għall-ħabta tas-1.30/2.00. L-appellat kien qiegħed jiffaċċja sitwazzjoni fejn persuna li ma kienx jafha kienet imblukkatlu t-triq u middet idejha fuqu. Fiċ-ċirkostanzi l-appellat beża’ għall-inkolumita` tiegħu.Għalhekk jirriżultaw l-elementi kollha ta’ leġittima difiża, b’dan illi, fil-fehma ta’ din il-Qorti, ir-reazzjoni tiegħu ma kinitx proporzjonata għal dak li sa dak il-mument kien seħħ. Għalhekk hawn si tratta ta’ eċċess ta’ leġittima difiża.

---
[1] Notes on Criminal Law, Part I, p. 104.

**9.** Konsegwentement l-appell ta’ l-Avukat Ġenerali ma jimmeritax li jiġi milqugħ.

**10.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------